MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru. 608/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**KONTRA**

**MARK CAUCHI ta' 29 sena, iben John u Margaret nee' Gauci, imwieled Attard nhar id-19.05.1980, residenti fil-fond 75, Margerita, Triq Nazzareno, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252880M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MARK CAUCHI** li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Gunju, 2008 ghall-habta ta' 12.15pm, u hinijiet qabel fi Triq il-Witja, Tarxien:

1. Talli fl-istess jum, lok, hin, u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu

ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq vettura tal-marka Fiat AAA 976, liema vettura hija proprjeta' ta' Ian Sammut minn Birkirkara, kif ukoll ipprova jisraq diversi oggetti minn vettura tal-marka Escort EAO 107 liema vettura hija proprjeta' ta' John Mangion u liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura Fiat AAA 976 li tammonta ghal madwar €283.48 liema hsara hija ta' iktar minn €116.47(Lm50.00) izda inqas minn €1,165.69 ghad-dannu ta' Ian Sammut minn Birkirkara.

Rat li fi stadju ta' nterrogatorju l-imputat wiegeb illi kien hati ta' l-akkuzi hekk kif migjuba kontra tieghu;

Rat li fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Mejju, 2009 l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu;

Rat ukoll l-istqarrija ta' l-imputat ezebita bhala DOK SZ 1. Fl-istess stqarrija l-imputat ammetta l-involviment tieghu f'dan ir-reat.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Jean Cali in rapprezentanza tal-Caristas. Cali xehdet illi l-andament ta' Mark Cauchi fi hdan il-programm kien wiehed pozittiv.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' l-Ispettur Spiridione Zammit li qabel mad-Difiza li d-dannu kkagunati lill-parte lesa llum thallsu.

Ghaldaqstant, in vista' ta' l-ammissjoni ta' l-imputat kif ikkonfermata, issib lil Mark Cauchi hati tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 41, 261, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, konsiderando l-progress ta' Mark Cauchi, qieghda tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal

zmien sentejn(2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligiijet ta' Malta, b'dan ghalhekk illi l-Qorti qieghda tahtar bhala ufficjal tal-Probation lil Maryanne Zammit;
B'dan ghalhekk illi Mark Cauchi ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija mill-ufficjal tal-Probation u mir-rapprezentant ta' dik l-Agenzija opportune ghar-riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------